



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2014
(OR. en)

12737/14

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0242 (NLE)

EEE 62
CONSOM 157
MI 606

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Awwissu 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 524 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-protezzjoni tal-konsumatur)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 524 final.

Mehmuż: COM(2014) 524 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 524 final

2014/0242 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-
ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet
(il-protezzjoni tal-konsumatur)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza ġuridika u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

L-Artikolu 78 tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti jsaħħu u jwessgħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-protezzjoni tal-konsumatur, fost l-oħrajn.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet sabiex jestendi l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Sabiex tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE f'dan il-qasam (li għandha sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014), huwa xieraq li jiġi inkorporat ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE¹ fil-Ftehim taż-ŻEE.

Il-Liechtenstein jingħata eżenzjoni mill-parteciġazzjoni f'dan il-programm, u milli jħallas kontribuzzjoni finanzjarja għalih.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar dawn id-Deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha sservi wkoll bħala l-qbil tal-Partijiet, skont l-Artikolu 1(8) tal-Protokoll 32 għall-Ftehim taż-ŻEE, biex tinbeda l-kooperazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 mill-1 ta' Jannar 2014 ukoll jekk din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti konstituzzjonali għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jekk ikun hemm, jiġu nnotifikati wara l-10 ta' Lulju 2014.

¹ ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-protezzjoni tal-konsumatur)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 169 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea², u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE ("il-Protokoll 31").
- (3) Il-Protokoll 31 fih dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tiġi estiża għall-Ftehim taż-ŻEE sabiex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁴
- (5) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jtirrizultaw mir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tibda mill-1 ta' Jannar 2014 ukoll jekk id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuża ma' din id-Deċiżjoni tiġi adottata jew jekk it-tweqqif tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jekk ikun hemm, jiġi nnotifikat wara l-10 ta' Lulju 2014.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE, (ĠU L 84, 20/03/2014, p. 42-56)

- (6) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuża ma' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (7) Għalhekk, il-Protokoll 31 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab meħmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*